MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 187/2013

**Appell Numru: 187/2013**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**
**Vs**
**Jimmy Bonnici**
**Giuseppe Bonnici**

Illum, 17 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Jimmy Bonnici detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 311570M u Giuseppe Bonnici detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 263036M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli, fix-xahar ta' Gunju, 2011, u fix-xhur ta' qabel, gewwa fond bin-numru 293, li jinsab fi triq il-Kostituzzjoni, Mosta:

1. Bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu l-hsara konra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghanhom,

gieghelu bl-awtorita` tagghom infushom, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor billi hattew hajt divizorju li jinsab bejn il-bitha taghhom u l-gardina ta' Edward Cauchi.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-18 ta' April, 2013, fejn il-Qorti ddikjarat li l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u konsegwentement illiberathom minnha.
Rat ir-rikors tal-parte civile Edward Cauchi minnu pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti ssib lill-imputati Jimmy u Giuseppe Bonnici hatja tal-akkuza ta' raggion fattasi a bas ital-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrihom ukoll, id-doveri fuqhom imposti mill-istess provvedimenti legali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

1. Illi l-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, naqset serjament fl-apprezzament tal-provi illi tinkwadra lid an il-hajt ezattament bhala 'divizorju' li jifred il-giardina tal-parte civile Edward Cauchi, u l-bitha tal-imputati qua appellati f'din il-vertenza, u lid an l-istess hajt kien minn dejjem gholi tnax il-filata mis-superfici tal-art ta' bejn iz-zewg proprjetajiet;
2. Illi in materja legali, l-istess Qorti tal-ewwel grad, naqset serjament milli tapprezza li sehh ir-reat ta' raggion fattasi, a bazi tal-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghaliex gie ppruvat mhux biss illi l-hajt divizorju kien gholi tnax il-filata mill-livell taz-zewg superfici ta' art appartenenti lill-propjetajiet rispettivi taz-zewg kontendenti, u cioe ta' Edward Cauchi mill-livell tal-giardina tieghu u mill-artijiet superficjali tal-kmamar ezistenti precedentement ghall-ameljormanet tal-bini li sar mill-imputati stesss qabel ma nhatt l-istess hajt divizorju,

izda wkoll, illi dan l-istess hajt divizorju nhatt mill-imputati stess jew fuq struzzjonijiet taghhom biex ikollhom iktar ftuh ta' dawl wara li baxxew il-livell superficjali wkoll tal-art taghhom. Allura, dan kiser bis-shih id-drittijiet tal-parte civile, b'dana illi llum il-hajt divizorju nizel ghal wiehed ta' disa` filati biss minn tnax il-filata li kien originarjament;

Irrizulta illi l-appellati gew mixlija illi kkommettew ir-reat ta' ragon fatta si gewwa l-fond numru 293 li jinsab fi Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta fejn fixxklu lil Edward Cauchi fil-pussess ta' hwejjgu. B'Sentenza moghitja fit-18 ta' April, 2013 il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellati mill-imputazzjoni dedotti kontra taghhom izda l-parti civili Edward Cauchi hassu aggravat minn din is-Sentenza u nterpona appell. B'verbal ta' l-10 ta' Lulju, 2013 l-appellati eccepew prelimarjament illi l-appell tal-parte civili huwa improponibbli dana 'l ghaliex il-kawza tresqet mill-pulizija u quindi se mai l-appell kien jispetta lill-prosekuzzjoni u mhux lil parte civili illi ghandu drittijiet limitati ta' l-appell u li dan ma kienx wiehed minnhom. Ghalhekk il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-Sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-appellati.

Ikkunsidrat.

Il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Vella deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 2000 fejn fost affarijiet ohra qalet "*jistghu jappellaw il-persuna misjuba hatja f'kull kaz (Artiklu 413 (1) (a)) u fil-kazijiet espressament imsemmija fl-Artiklu 413 (1) (b) l-Avukat Generali u fil-kazijiet imsemmi fl-Artiklu 373 il-kwerelant, jigifieri l-kwerelant jista jappella biss meta:*
*A. Ir-reat ikun ta' kompitenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun jinkwadra taht dak li hu provdut fl-Artiklu 370 (1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien ma l-Artiklu 371;*
*B. L-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela ta' l-offiz;*

*C.  Il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-Artiklu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-Sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz), u l-kwerelat (l-appellanti) u ghalhekk mill-okkju tas-Sentenza jkun jidher illi l-partijiet fil-kawza huma il-kwerelant u l-appellant u mhux il-Pulizija u l-appellat."*

F'dan il-kaz il-kontrovenzjoni ta' ragion fatta si hija ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan il-kaz tmexxa wara rapport illi ghamel il-parti leza, pero' l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija peress illi l-ilment tal-parti leza jilleda d-drittijiet ta' ordni pubbliku u l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija ezekuttiva u mhux mill-parti leza, tant li s-Sentenza nghatat fil-konfront tal-pulizija u ta' l-appellati Jimmy Bonnici u Giuseppe Bonnici. Il-parti leza kien sempliciment xhud f'dawn il-proceduri.  Ghalhekk peress illi t-tielet kundizzjoni hija nieqsa, dan ma jaghtix id-dritt ta' appell lill-parti leza, lanqas bl-emmendi godda illi gew introdotti fl-2002.   Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-appellanti ghandhom ragun f'din l-eccezzjoni taghhom u jisthoq illi tkun milquha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita tar-rikors ta' l-appell, tiddikjara l-istess rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------